MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1733/2004

**GasanMamo Insurance Limited – C3143 kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Gordon Debono u l-istess Gordon Debono Nru. ID 298881 M**

**Vs**

**Sharon Darmanin**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' tlett mija u disgha u tletin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm339.59c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuta qalet li mhix responsabbli ta' dan l-incident.
Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenuta qalet:

“Kont gejja min-naha ta’ l-emergenza, waqaft biex nara kienux gejjin karozzi. Ma kien gej hadd. X’hin gejt biex indur fuq il-lemin u kont kwazi dort, baqa’ gej mill-gate full speed ghal fuqi u dawwarni ftit.”

Gordon Debono qal:

“Kont diehel mill-gate dritt, kont sejjer inwassal zija. Fid-daqqa u l-hin, mara baqghet taqsam meta jiena kont diga’ fuq il-kaxxa s-safra. X’hin tatni d-daqqa hadt brejk u hi baqghet issuq sakemm gabet il-karozza parallel ma’ tieghi.”

Ra x-xhieda ta’ Gordon Debono fejn jikkonferma li qal fir-*Road Accident Report*. Jikkonferma wkoll illi s-socjeta’ attrici hallset ghad-danni li sofrew.

Ra x-xhieda tal-Warden Mariella Micallef, fejn tikkonferma l-iskizz u r-*Road Accident Report*.

Ra x-xhieda tal-konvenuta fejn tghid li kienet qieghda ddur sabiex tmur lejn in-naha ta’ l-*outpatient*, harget safejn hemm il-*junction box* u meta rat li ma kien gej hadd mill-*gate* daret. Tghid illi x’hin daret indunat li kien gej Debono bil-karozza u ghalhekk sar l-impatt.
Il-konvenuta tichad illi kien hemm *give way sign* minfejn harget hi. Tghid illi rat l-ewwel darba lil Debono meta dahal fuqha.

Illi d-daqqa fil-vettura ta’ Debono kienet fuq il-bieba ta’ quddiem filwaqt dik tal-konvenuta kienet fuq il-*bumper* quddiem.

**Ikkunsidra**

Li fejn gara l-incident il-partijiet kellhom joqghodu iktar attenti mis-soltu.

Fil-kawza **Untours Vs Saliba (PA 29/1/2004)** gie ddikjarat:

"Illi huwa maghruf li hija regola generali li fi kwestjonijiet ta' stharrig ta' responsabbilta' f'habta, li kull sewwieq irid ihares zewg regoli ewlenin, jigifieri:

a) Li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi kollha ta' l-inhawi fejn ikun (maghduda maghhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-hin u l-kundizzjonijiet atmosferici), u

b) Li jzomm attenzjoni (proper lookout) dwar dak li jkun qieghed isehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih."

(Ara wkoll **Formosa & Camilleri Ltd et Vs Joseph Camenzuli (PA RCP 26/4/2001)**).

Illi jirrizulta li l-konvenuta kienet ser tidhol f'*lane* tat-traffiku riservat ghall- karozzi li jidhlu fl-isptar u ghalhekk hi kellha l-obbligu li qabel ma tidhol f'dik il-*lane* tieqaf u tassigura li mhux ser tostakola karozzi. Illi l-konvenuta qalet li ma rat lil hadd. Illi bhala fatt gara li kien hemm l-attur fil-*lane*. L-incident gara ghaliex il-konvenuta naqset li zzomm *a proper lookout* u dahlet fi triq principali minghajr ma tassigura li setghet taghmel hekk minghajr ma tostakola l-vetturi fi triq principali. Il-konvenuta qalet li rat lill-attur l-ewwel darba meta dahal fuqha dan ifisser li ma kienetx qieghda zzomm *a proper lookout*.

Id-danni mhux ikkontestati.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u disgha u tletin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm339.59c). Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali datata 4 ta' Lulju, 2004 kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------